



Brussell, 20 ta' Settembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0107(COD)

11832/21
ADD 1

CODEC 1216
DRS 44
COMPET 632
ECOFIN 843
FISC 143

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti intrapriżi u fergħat (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Il-Kroazja tappoġġa bis-sħiħ it-trasparenza fiskali iżda madankollu, bħal xi Stati Membri oħra, għad għandha l-fehma li l-Artikolu 115 TFUE jkun bażi ġuridika aktar adatta minflok l-Artikolu 50(1) TFUE. Il-Kroazja tikkondividi bis-sħiħ l-opinjoni tas-servizz legali tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2016, bir-referenza 2016/0107 (COD), FISC 194, li tiddikjara li l-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 115 TFUE peress li kemm l-għan kif ukoll il-kontenut tal-proposta huma relatati ma' "dispożizzjonijiet fiskali", u hija tal-fehma li għaldaqstant, il-proposta kellha tiġi diskussa fil-Kunsill ECOFIN, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq ir-regoli proċedurali rilevanti.

Barra minn hekk, il-Kroazja hija tal-fehma li l-Proposta li ntlaħaq qbil dwarha m'għandhiex issir preċedent għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-proċess futur tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' taxxa.

**Dikjarazzjoni minn Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta
u l-Iżvezja**

Minkejja l-appoġġ ġenerali li kulħadd esprima għat-trasparenza fiskali u d-diskussjonijiet kostruttivi ffaċilitati mill-Presidenza, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta u l-Iżvezja għandhom tħassib kontinwu fir-rigward tal-bażi ġuridika ta' din id-Direttiva Proposta, u jqisu li l-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu trid tkun ibbażata fuq l-Artikolu 115 TFUE peress li kemm l-għan kif ukoll il-kontenut tal-proposta huma relatati ma' "dispożizzjonijiet fiskali", u b'hekk jirrifjutaw l-adegwatezza tal-bażi ġuridika tal-proposta inizjali, jiġifieri l-Artikolu 50(1) TFUE.
